MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 418/2005/1

**Olive Gardens Investments Limited (C16715)**

**v.**

**Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia u b' digriet tat- 22 ta' Jannar 2007 gew kjamati in kawza Jane Mercieca u Mary Ann Sammut**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu provvediment fuq talba maghmula mill-konvenuti fir-risposta taghhom ghar-rikorsi tal-appell, kemm tas-socjeta` attrici, kif ukoll tal-kjamati fil-kawza, sabiex jigu sfilzati dokumenti annessi mal-istess rikorsi.

2. Id-dokumenti li taghhom qed jntalab l-isfilz u li huma annessi mar-rikors tal-appell **tas-socjeta` attrici** huma dawk markati hekk: Dok. Appell 1 sa Dok. Appell 5;[1] Dok. Appell 11;[2] u Dok. Appell 22[3].

3. Dawn id-dokumenti jikkonsistu fis-segwenti:

> *Appell 1* li huwa certifikat tal-mewt ta’ Carmelo Farrugia li miet fit-12 ta’ Frar 1957; *Appell 2* li huwa kopja ta’ estratt mill-Vol. tal-Laws of Malta & its Dependencies li juri l-Artikolu 644 [illum 634 tal-Kap. 12] li kien vigenti fis-sena 1944; *Appell 3* li huwa kopja ta’ kuntratt ippubblikat fl-1 ta’ Dicembru 1950; *Appell 4* li huwa kopja ta’ kuntratt ippubblikat fl-24 ta’ Mejju 1953; u *Appell 5* li huwa dikjarazzjoni causa mortis ippubblikata fil-5 ta’ Gunju 1997;

4. *Appell 11* li huwa ritratt ta’ sit agrikolu bil-bini fih; *Appell 22* li huma ricerki mahruga mir-Registru Pubbliku ta’ Malta bid-data 13 ta’ Lulju 2010 fuq Carmel Farrugia, li l-kontenut taghhom huma insinwi relattivi ghall-perjodu mis-sena 1921 sas-sena 1953.

5. L-oggezzjoni da parti tal-konvenuti ghal dawn id-dokumenti u t-talba ghall-isfilz taghhom hija msejsa fuq l-argument li dawn id-dokumenti setghu

[1] Fols. 94 sa 97.
[2] Fol. 143.
[3] Fol. 158.

facilment jitressqu quddiem l-ewwel Qorti peress li jirrelataw ghall-fatti li tqajmu u gew dibattuti “anke mill-appellanti” quddiem dik il-Qorti. Jghidu li din hija manuvra abbuziva da parti tas-socjeta` attrici sabiex permezz ta’ dawn id-dokumenti tikkritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti, billi tipprezenta dokumenti li setghet u kienet fi grad li tipprezenta quddiem dik l-istess Qorti qabel ma tat id-decizjoni taghha. Di fatti, Joseph Baldacchino[4] direttur tas-socjeta` attrici fl-affidavit tieghu jghid li huwa kien ghamel ricerki mhux biss fuq il-kjamati fil-kawza, izda anke fuq il-konvenuti, filwaqt li l-kjamata fil-kawza Jane Mercieca fl-affidavit taghha, senjatament fil-paragrafu 12, tghid li l-art kienet ilha mqabbla lill-familja tal-konvenuti sa mis-sena 2010[5].

6. Id-dokumenti li taghhom qed jintalab l-isfilz u li huma annessi mar-rikors tal-appell **kjamati fil-kawza** huma dawk immarkati bil-mod segwenti:

> *Diary 1* – li huwa estratt minn librett li fuqu hemm indikata d-data February <u>1965</u>;[6]
>
> *Mik.1 u Mik.2* – li hum estratti mid-dizzjunarju tal-Professur Joseph Aquilina;
>
> *Reg.1, 2 u 3*[7] - li jidhru li huma kopji ta’ estratti minn registru miktub bil-lingwa Taljana;
>
> *Site 1*[8] –li hi kopja ta’ site plan mahruga fis-6 ta’ Marzu <u>2002</u>;
>
> *Kopja ta’ ittra*[9] tal-Perit Cacopardo datata 14 ta’ Jannar <u>1989</u>;
>
> *Dok. Ktieb 1* – li hu kopja ta’ pagna minn librett, li turi ricevuta li harget fl-1 ta’ Ottubru <u>1991</u>;[10]

---

[4] Fol. 551.
[5] Fol. 159 – Hija tat elenku tad-diversi membri tal-familja tal-konvenuti li kienu jhallsu l-qbiela matul il-perjodu li jestendi bejn 1910 sa 1991.
[6] Fol. 210.
[7] Fols. 213-215.
[8] Fol. 216 – Il-Qorti tosserva li a fol. 11 hemm dokument identiku ghal dan, u ghalhekk dan il-prezentata tieghu hija superfluwa.
[9] Fol. 217.
[10] Fol. 209.

*Kopja ta' pjanta*[11], mahruga mill-Perit Paul Mercieca, bla data fuqha;

*"Dokumenti relattivi ghall-espropriju tas-sottosuol ta' l-Art"* li jirreferu ghad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern 18 ta' Gunju 2002;[12]

7. Fir-rigward tad-dokumenti fuq elenkati, il-konvenuti jibbazaw l-oggezzjoni taghhom fuq ir-raguni li "dawn id-dokumenti jirrelataw ghall-fatti li tqajmu u gew dibattuti "anke mill-appellanti [kjamati fil-kawza]" quddiem dik il-Qorti. u "fi kliem l-appellanti stess", kienu kollha fil-pussess tal-appellanti fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk setghu facilment gew prezentati f'dak l-istadju. Anke f'dan ir-rigward, it-talba ghall-isfilz tad-dokumenti da parti tal-konvenuti hija bazata fuq l-istess konsiderazzjonijiet li abbazi taghhom talbu l-isfilz tad-dokumenti prezentati mar-rikors tas-socjeta` attrici.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

8. Dwar il-pozizzjoni legali relattiva ghat-talba ghall-isfilz ta' provi dokumentali godda annessi mar-rikors tal-appell din il-Qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li kif relevat mis-socjeta` attrici tezisti gurisprudenza precedenti fis-sens li bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 145 tal-Kap. 12, l-appellanti ghandu l-fakolta` li jipprezenta dokumenti mar-rikors tal-appell tieghu, izda din il-Qorti f'sentenzi aktar ricenzjuri rriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-istess

[11] Fol. 218.
[12] Fol. 243.

artikolu, konformi mall-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni, hi li filwaqt li dak l-artikolu jippermetti li jigu materjalment prodotti dokumenti mar-rikors tal-appell, b'danakollu l-piz li jkun jista' jinghata lil tali dokumenti minn din il-Qorti jkun jiddependi fuq jekk l-istess dokumenti kienux disponibbli u allura producibbli fl-ewwel istanza.

9. Fir-rigward din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni tirribadixxi fil-kawza **Emanuel Zammit v. Charles Polidano**[13], deciza fil-31 ta' Jannar 2014, li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti m'ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Schembri** deciza 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti'. Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha".

10. Fil-mertu il-Qorti tosserva li d-dokumenti li taghhom qed jintalab l-isfilz kwazi kollha jgibu dati li jirrisalu sa qabel ma nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, sahansitra sa qabel ma bdew il-proceduri odjerni fit-3 ta' Mejju 2005. Barra minnhekk hadd mill-appellanti, la s-socjeta` attrici u lanqas il-kjamati fil-

[13] Nru. 1224/97

kawza, ma taw raguni ghaliex naqsu milli jipprezentaw dawn d-dokumenti quddiem l-ewwel Qorti.

11. Din il-Qorti tosserva li l-mertu tal-kawza jirrigwarda t-titolu ta’ proprjeta` ta’ porzjon ta’ art mixtrija mis-socjeta` attrici minghand il-kjamati fil-kawza, u li dwarha l-konvenuti qed jirreklamaw dritt ta’ proprjeta`. Fid-dawl ta’ dan, l-attrici pprocediet bil-kawza odjerna sabiex tottjeni dikjarazzjoni gudizzjali li l-proprjeta` ta’ dik l-art hija taghha, u mhux tal-konvenuti. Hija azzjoni *rei vindicatoria* dwar il-proprjeta` ta’ bicca art li taghha kemm is-socjeta` attrici kif ukoll il-konvenuti jsostnu li hi taghhom. Inoltre, il-kjamati fil-kawza, l-awturi fid-dritt tas-socjeta` attrici, eccepew li huma kienu bieghu l-proprjeta` lis-socjeta` attrici, “filwaqt li l-konvenuti kellhom biss titolu ta’ qbiela fuq l-istess art”. Dan l-ahhar fatt jinsab indikat b’mod car fl-affidavit tal-imsemmija Jane Mercieca.

12. Ghalhekk ma kienx hemm dubji dwar il-kontestazzjonijiet principali tal-kawza, u d-dokumenti annessi mar-rikorsi taz-zewg appellanti jirrigwardjaw dan il-meritu.

13. Ghaldaqstant, in mankanza ta’ raguni valida ghaliex id-dokumenti fuq elenkati ma gewx prezentati fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqis li l-produzzjoni taghhom f’dan l-istadju hija gustifikata fil-ligi.

<u>Provvediment</u>

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' t-talba tal-konvenuti appellati, u tordna l-isfilz tad-dokumenti fuq elenkati, hlief ghad-dokumenti markati *Appell 2* u *Mik.1 u Mik.2* peress li dawn jikkontjenu informazzjoni li l-Qorti tista' tiehu *judicial notice* taghha.

L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a kariku taz-zewg appellanti fi kwoti ugwali bejniethom.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------